**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 6 ta` Novembru 2018**

**Rik. Nru. 571/2017/2 JZM**

**Fl-atti tar-rikors numru 571/2017 JZM ai termini tal-Artiklu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta fl-ismijiet :**

**Calamatta Cuschieri Investment Services Limited (C13729) bhala nominee shareholder ghan-nom ta` l-AMB Capital Ireland Limited ; ii. Jamrae Capital Corp; iii. Refucan Limited ; iv. Warren Friedland; v. Mondo Investments and Finance Ltd. ; vi. Evan Gregory Hoff ; vii. Andrew James Reader ; viii. Shane Thompson; u ix. Bellerive Capital (BCP) 13 Limited ; u l-Avukat Dr Joseph Camilleri bhala mandatarju specjali ta` Genesis PFC, socjeta` estera registrata l-Mauritius bin-numru 134001C1/GBL**

***kontra***

**Pefaco International plc**

***u***

**b`digriet tat-18 ta` Lulju 2017 moghti fil-kawza fl-ismijiet : Calamatta Cuschieri Investment Services Limited (C13729) bhala nominee shareholder ghan-nom ta` l-AMB Capital Ireland Limited ; ii. Jamrae Capital Corp; iii. Refucan Limited; iv. Warren Friedland; v. Mondo Investments and Finance Ltd.; vi. Evan Gregory Hoff; vii. Andrew James Reader; viii. Shane Thompson; u ix. Bellerive Capital (BCP) 13 Limited ; u l-Avukat Dr Joseph Camilleri bhala mandatarju specjali ta` Genesis PFC, socjeta` estera registrata l-Mauritius bin-numru 134001C1/GBL *kontra*Prefaco International plc (Rikors Nru. 571/2017 JZM), is-socjeta` estera GRUPO Pefaco S.L. kienet ammessa tintervjeni *in statu et terminis***

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezentat l-intervenuta fil-kawza fit-2 ta` Novembru 2018.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta` Novembru 2018.

Rat ir-risposta li pprezentaw ilbierah ir-rikorrenti.

Rat illi l-intimata ma pprezentatx risposta.

Semghet is-sottomissjonijiet li saru fl-udjenza tal-lum.

Rat illi r-rikors thalla ghal provvediment.

**Ikkunsidrat :**

Fir-risposta, ir-rikorrenti jressqu pregudizzjali ta` legittimita` da parti tal-intervenuta fil-kawza li titlob il-hrug ta` *interim order*.

Ir-rikorrenti jikkontendu li talba ta` dik ix-xorta tispetta lilha biss.

Ma tispettax lill-intimata.

U wisq inqas tispetta lill-intervenuta fil-kawza li mhijiex parti fil-kawza.

Il-Qorti tirrespingi din il-pregudizzjali.

Skont l-Art 402(1) l-atti jew omissjonijiet lamentati mill-membru dwar it-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija jistghu jew jolqtu l-interess ta` dak il-membru nkella l-interessi tal-membri in generali.

Ghaliex il-Kap 386 huwa *lex specialis* kif ukoll ghaliex is-sostrat ta` azzjoni skont l-Art 402 hija l-ekwita`, una volta Grupo Pefaco S.L,. thalliet tintervjeni fil-kawza tal-lum, wara li rrizulta li ghandha l-interess rikjest mil-ligi generali (fil-kaz tal-lum il-Kap 12), mhijiex prekluza milli taghmel talba ghall-hrug ta` *interim order.* mhux biss ghaliex hija membru tal-kumpannija ntimata, izda anke ghaliex ladarba d-diretturi nominati minnha jinsabu fuq quddiem fit-tmexxija tal-kumpannija ntimata ghandhom ir-responsabilita` li jwiegbu ghat-tmexxija taghhom tal-istess, u fil-kaz ta` provat nuqqas da parti taghhom, iwiegbu ghall-konsegwenzi.

**Ikkunsidrat :**

Ghar-rigward tal-mertu tat-talbiet tal-intervenuta fil-kawza kif ukoll ghar-risposta tar-rikorrenti, taghmel referenza ghad-dottrina u ghall-gurisprudenza citati fit-tliet provvedimenti dwar ordnijiet *interim* li diga` tat fil-kors tal-kawza u cioe` rispettivament dawk tal-1 ta` Awissu 2017, 31 ta` Ottubru 2017 u 11 ta` Settembru 2018 billi dawn ighoddu *mutatis mutandis* ghall-provvediment tal-lum.

Tqis li l-hames risoluzzjonijiet indikati mill-intervenuta fil-kawza fir-rikors tal-lum, u proposti mid-diretturi li kienu appuntati mill-Genesis Consortium (rappresentat mir-rikorrenti fil-kawza) sabiex jigu trattati fil-laqgha tal-bord tad-diretturi li ghandha ssir ghada **fis-sostanza** jwasslu sabiex jibqax l-*status quo* li ghandu jinzamm waqt li tkun pendenti kawza ta` din ix-xorta.

Apparti din il-konsiderazzjoni, tghid ukoll illi anke mill-mod kif ir-rikorrenti sostnew, wahda wahda, il-bzonn tal-hames risoluzzjonijiet, ikollhom – ftit jew wisq – tiskonfina fil-mertu tal-azzjoni promossa, fatt li m`ghandux ikun.

**Ikkunsidrat :**

Tirrileva illi l-hatra tal-Avukat Dottor Richard Galea bhala direttur fil-bord tad-diretturi tal-intimata bl-inkariku, bis-setghat u bid-dmirijiet li nghata bis-sahha tal-provvedimenti taghha tal-31 ta` Ottubru 2017 u tal-11 ta` Settembru 2017 kienet intiza sabiex min-naha wahda jkun vigilanti fuq it-tmexxija korretta tal-affarijiet tal-intimata sakemm jinghata provvediment finali fil-kawza, u min-naha l-ohra jassikura ruhu li jkun preservat l-*status quo* fil-kumpannija.

Tirriafferma dak li qalet fil-provvediment taghha tal-11 ta` Settembru 2018 illi b`Dr Galea Debono fil-bord tad-diretturi jkun assikurat illi *hadd mill-membri ta` Pefaco pendente lite ma jgarrab dak li ma jridx l-Art 402(1) tal-Kap 386.*

Tghid illi dan ighodd ghal kulhadd minghajr eskluzjoni.

**Ikkunsidrat :**

Tosserva illi l-kawza mxiet b`heffa tant li l-provi kollha nstemghu fuq firxa ta` tnax-il udjenza, b`differmenti relattivament qosra fiz-zmien bejn wahda u ohra, u b`uhud mill-udjenzi jdumu sejrin is-sighat. Li fadal x`isir fil-kawza hija l-presentata ta` noti ta` osservazzjonijiet sas-17 ta` Jannar 2019 sabiex dakinhar isiru l-ahhar sottomissjonijiet bil-fomm u minn hemm il-kawza tmur ghal provvediment finali.

Ma tarax illi bil-fatt li jintlaqghu t-talbiet tal-intervenuta fil-kawza se jkun hemm pregudizzju fl-immedjat ghall-intimata u ghall-azzjonisti l-ohra. Lanqas ma tara li se jkun stravolt l-*status quo*. Ghalhekk tishaq fuq l-applikazzjoni tal-principju : *actus curiae neminem gravabit.*

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` t-talbiet tal-intervenuta fil-kawza kif dedotti fir-rikors taghha tat-2 ta` Novembru 2018.**

**L-ispejjez relattivi ghal dan il-provvediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali fil-kawza Rik. Nru. 571/2017 JZM.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**